MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2012

Avviz Numru. 259/2009

**Nikola Micallef**

**V s**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz prezentat fit-13 ta' Lulju 2009 fejn Nikola Micallef talab lil din il-Qorti sabiex tordna l-Kontrollur tad-Dwana jirrilaxxa l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAD 081 Ford Escort li kienet giet ikkonfiskata minnhom fl-24 t'Ottubru, 2008 u li dwarha inharget in-nota ta' qbid numru 66/2009 hawn annessa u dan ai termini tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta u dan peress illi l-ammont ta sigaretti li gie allegat li ma thallsu dazju fuqhom u li nstabu fl-imsemmija vettura huma fil-fatt ammont provizorju u ghalhekk ma

jiggustifikawx tali sanzjoni. Il-valur tal-karozza fuq msemmija intqal li ma jeccedix erbat elef ewro (€4,000).

Rat ir-risposta tal-Kontrollur tad-Dwana prezentata fl-4 t'Awwissu, 2009, fejn il-Kontrollur tad-Dwana espona preliminarjament a tenur tal-artikolu 73(1) tal-Ordinanza tad-Dwana, il-procedura kellha tinbeda b'rikors;

Illi fil-mertu jinghad illi din il-vettura bin-numru BAD-081 Ford Escort inqabdet korrettement u skont il-Ligi ai termini tal-artikolu 68 tal-Kap. 37 permezz ta' nota ta' qbid numru 66/2006 peress illi kienet qed tintuza biex iggorr oggetti sdazjati u cioe ammont ta' sigaretti li t-taxxi dwarhom ma kienux thallsu;

Eccepixxa wkoll li l-istess artikolu ma jipprovdix limiti fuq l-ammont ta' oggetti sdazjati li jinqabdu biex issehh il-konfiska. Barra minn hekk il-konfiska hija wahda tassattiva;

Illi jinghad ukoll illi l-qbid ta' dawn is-sigaretti f'din il-vettura kienu parti minn operazzjoni akbar fejn dakinhar stess li nqabdu dawn is-sigaretti f'din il-vettura, inqabdet ukoll kwantita kbira ta' sigaretti, tabakk tal-pipa u xorb alkoholiku sdazjati fir-residenza tar-rikorrenti stess. Ghalhekk il-qbid ta' din il-vettura sar skont il-ligi u din l-Onorabbli Qorti ghandha tikkonfermaha. Ghalhekk il-Kontrollur tad-Dwana talab lill-Qorti biex tichad it-talbiet rikorrenti.

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2009 quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta xehdu David Brydon ufficjal tad-Dwana inkarigat mill-enforcement unit kif ukoll l-Ispettur Yvonne Farrugia.

David Brydon xehed illi hu fil-posizzjoni tieghu ta' ufficjal tad-Dwana fl-enforcement unit tal-istess Dwana, stqarr illi kien involut fil-kaz fejn huwa mar fir-residenza tar-rikorrent u eleva oggetti kemm mir-residenza tieghu kif ukoll mill-vettura tieghu. Huwa stqarr illi meta ghamel it-tfittxija il-Pulizija ghaddewlu hames stikek ta' sigaretti u nghata struzzjonijiet sabiex jeleva l-karozza liema karozza huwa

eleva kif trid il-Ligi u ttiehdet fil-mahzen tad-dwana fejn kienet ghadha sa dakinhar illi xehed l-istess Brydon.

Fl-istess seduta xehdet ukoll l-Ispettur Yvonne Farrugia, stazzjonata fl-Economic Crimes Unit fejn stqarret illi l-pulizija kienu rcevew informazzjoni anonima li kien hemm anzjan li kien qed isuq il-vettura BAD-081 u li kien qieghed ibiegh fil-inhawi tal-Isla sigaretti u whisky bil-kutrabandu. Huma kienu marru ghand persuna li kienet tixtri minghandu, hanut bl-isem “8th September Boutique” gewwa l-Isla u minn hemm hekk wara li giet interrogata s-sid infurmathom illi kienet tixtri diversi grosos tas-sigaretti minghand l-istess Kola ossia Nicola Micallef.

Fl-24 t’Ottubru, 2008 huma ghamlu stazzjonament gewwa l-Isla sabiex josservaw jekk il-vettura ta’ Nikola Micallef tigix fuq il-post u dakinhar waqqfu l-karozza BAD-081 tar-rikorrenti u wara li pprezentawlu mandat ta’ tfittixija sabu fil-vettura erba’ (4) grossos ta’ sigaretti tal-marka L&M u grossa (1) Davidoff Classic, ilkoll kienu ta’ kutrabandu. Malli nstabu tali oggetti ssejhu l-ufficjali tad-dwana u flimkien mal-ufficjali tad-dwana l-pulizija marru fil-fond ta’ Nikola Micallef u hemm hekk sabu ammont konsiderevoli ta’ sigaretti. Dan fis-sens sabu hamsa u sittin (65) grossa ta’ marki differenti, travel pack ta’ sigaretti u sitta u tletin (36) flixkun ta’ alkohol ta’ marki differenti. Ilkoll kemm huma bil-kutrabandu.

Meta r-rikorrent kien gie interrogat huwa qal illi l-alkohol kien ghandu ghaliex kellu tieg tal-familja u dwar is-sigaretti qal li kien imur l-open centre u qal li kien jixtri s-sigaretti minghand l-immigranti llegali. Mistoqsi ghaliex dakinhar kien mar l-Isla meta waqfuh il-pulizija, qal illi kien sejjer l-Isla jittawwal il-cruise liners dehlin wara li kien xtara xi grosos ta’ sigaretti li kien xtara gewwa l-Marsa minghand l-immigranti llegali.

Fis-seduta tat-8 ta’ Gunju, 2010, il-Kontrollur tad-Dwana ddikjara li m’ghandux aktar provi x’jipprezenta. Wara tali seduta saru seduti ohra fl-10 ta’ Novembru, 2010, 22 ta’ Frar, 2011, 11 ta’ Mejju 2011 u 15 ta’ Gunju, 2011, f’liema seduti r-rikorrent qatt ma pprezenta ebda provi. Fil-15 ta’

Gunju, 2011 il-Qorti tat zmien lir-rikorrent sad-29 ta' Lulju 2011 sabiex jaghmel nota tas-sottomissjonijiet tieghu filwaqt illi l-Kontrollur tad-Dwana kellu sas-16 ta' Settembru, 2011 sabiex jaghmel ir-risposta tieghu bil-visto.

Filwaqt illi r-rikorrent naqas milli jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana fis-16 ta' Settembru, 2011 pprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu.

**Ikkunsidrat**

Fil-kaz odjern jispikka l-fatt illi r-rikorrent ghalkemm kellu kull interess li l-kawza odjerna titmexxa u tinstema' x-xhieda tieghu, naqas milli qatt jaghti kwalsiasi tip ta' xhieda fil-proceduri li nieda huwa stess u l-unika provi li hemm huma x-xhieda tal-ufficjal tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Ufficjal tal-Pulizija.

Harsa lejn ix-xhieda tal-ufficjal tal-Kontrollur tad-Dwana ossia David Brydon u x-xhieda tal-Ispettur Yvonne Farrugia tal-Economic Crimes Unit juri bic-car illi l-vettura li kienet qed tinstaq mis-sur Nikola Micallef fl-24 t'Ottubru, 2008 data meta giet elevata mill-ufficjal tad-dwana kienet attwalment qed tintuza sabiex jinbiegh materjal bil-kutrabandu.

Jirrizulta wkoll li ghalkemm fil-karozza kien hemm kutrabandu ossia oggetti fl-ammont ta' hames stikek ta' sigaretti, l-istess rikorrent kellu fil-pussess tieghu, fid-dar tieghu kwantita ferm akbar minn dak. Ammontanti fil-fatt ghal hamsa u sittin stikka ta' sigaretti u aktar minn tletin flixkun ta' xorb alkoholiku, ilkoll kemm huma tal-kutrabandu.

Illi ghalhekk jirrizulta li huwa ben gustifikat l-azzjoni mehud mill-Pulizija flimkien mal-Ufficjal tad-Dwana li fil-mument li qabdu lill-istess Nikola Micallef in flagrante delictu huma konfiskaw il-vettura tal-istess Nikola Micallef.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi l-Kontrollur tad-Dwana eccepixxa preliminarjament illi l-proceduri odjerni kellhom jibdew b'rikors. Il-Qorti bhalma gja espremiet ruhha, il-Qrati f'diversi kawzi ohra, thoss illi ghalkemm huwa minnu li l-ligi tipprovdi li l-procedura tinbeda b'rikors, il-htiega ta' tali formalizmu hija wahda li l-Qorti m'ghandhiex tqis bhala li twassal ghall-nullita tal-proceduri odjerni. Il-Qorti ghandha tara li l-gustizzja ssir u ssir kif mehtieg u ghalhekk filwaqt illi taqbel li l-Ligi tistipola li l-procedura kellha tinbeda b'rikors, hija thoss illi xorta wahda l-fatt illi l-proceduri odjerni bdew b'avviz quddiem il-Qorti dan xorta ma jfissirx li l-proceduri huma nulli peress illi tali avviz m'huwa xejn ghajr formalita' ta' rikors illi qed jigi pprezentat il-Qorti. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni qeghda tigi michuda.

It-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjoni tal-Kontrollur tad-Dwana mbaghad jidhlu fil-mertu tal-kaz u lkoll jghidu li l-vettura nqabdet ghax kienet qed tintuza sabiex tingarr oggetti sdazjati li allura taxxa ma kenitx thallset fuqhom. Kien korrett li l-vettura tigi konfiskata peress illi l-Ligi ma tipprovdi ebda limitu ta' kemm irid ikun hemm oggetti li qeghdin jinbieghu illegalment u li del resto kien hemm ferm aktar affarijiet li nqabdu fid-dar tar-residenza b'mod illi l-konfiska kienet gustifikata.

Il-Qorti ma tistax ma taqbilx ma' dawn it-tlett eccezzjonijiet in vista tal-fatt li hareg car mill-provi kollha li ghalkemm fil-vettura dakinhar sabu biss hames grossi tas-sigaretti, kif gja qalet il-Qorti precedentement, irrizulta illi r-rikorrent kellu massa ferm akbar ta' oggetti ta' kutrabandu, liema oggetti certament huwa kien bi hsiebu jbiegh u certament kien ser ibiegh permezz tal-vettura BAD-081.

## Konkluzjoni

Il-Qorti wara li rat il-Ligi u wara li rat il-xhieda prodotta quddiemha, filwaqt illi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-Kontrollur tad-Dwana, tilqa' t-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjoni taghom u ghalhekk tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kollha kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------